# GHASSA TAL-GHADU!

Jaqa' d-dlam u skiet isaltan.
Fuq il-lsien ta' blata mtarrfa
f'ħalq id-daħla ta' dil-Gżira,
qamar seksieki jikxef
djar imġarrfa
'l hawn u 'l hinn ma' xtut u tliegħi
imtebbgħin b'xi dell li jwaħħax
f'nofs ta' baħar qisu għadira,
u f'tarf ix-xagħri,
b'rashom għolja
fuq l-ibraġ ta' bini u ġonna,
il-kwartier u l-forti miegħu.
Kollox mitfi: id-dwal li dari
kienu jħaġġu minn mitt tieqa
fuq dik l-għaqba
ta' kull lejla
kif inħbew mill-għajn mixtieqa
minn xi ħajta dawl ta' sliem,
ġewwa l-ħemda, ġewwa s-swied,
għax donnhom l-għira nisslu
fil-kwiekeb tas-smewwiet!

Daqq nofs il-lejl. Il-qamar
donnu dal-ħin il-ħarsa ċassa tiegħu
waqqaf fuq din il-blata.
U biss titkellem miegħu
l-mewġa ċkejkna
tgerger madwar il-plajja
donnha tħoss it-tehdida
ta' xi ħsara li ġejja...
Joħroġ minn taħt ix-xefaq
jiġġerra mas-smewwiet
merżuq ta' dawl jissajja.
U jsaltan għadu s-skiet.
U tisma' biss għaddejja
ma' tul il-bieb tal-forti
l-għassa tħabbat saqajha.

Fil-baħħ tat-toroq minn ġod-djar tisthajjel
tisma' man-nifs tan-nies li nofsha rieqda
it-taħbita ta' qalb.

Hemm ma' ġenb tfajjel
mimdud taħt tieqa Fido l-kelb jistenna
li tqajmu l-għajta ħabbarija ta' ħsara
u mewt fuq din il-Gżira.
Għassa tal-għadu, joħlom, jitħenna
bi dmiru ta' kull lejla,
nofsu rieqed bħan-nies ta' dik il-ħara,
u qalbu ttaqtaq...
Widnejh arah kif waqqaf:
b'għajnejh imbexxqa
hu donnu qed jissamma...
u moħħu sħab sewdieni
ta' ħsibijiet iġamma'.

Minn fuq il-blat ta' taħt is-swar tal-forti
li bena Manoel bejn Ta' Xbiex u l-Gżira
fejn il-fomm tiegħu ta' nar qerriedi rafa'
issa l-kanun, instemgħet it-tisfira.
U rasu qajjem dak il-kelb, intrafa'
fuq riġlejh ta' quddiem,
u raġa' qagħ'd jissamma'...
U malli wara ftit kisret il-ħemda
tal-lejl l-għajta newwieħa
ħabbarija tal-għadu,
Fido, bħal meta kelb tal-liepru jeħles
ta' sidu mil-lġiem,
qabeż mill-art, iferfer denbu, jinbaħ
madwar it-tfajjel biex jqajmu;
u rasu jgħolli 'l fuq, lil sidu jsejjaħ,
u n-nies kollha tad-dar b'għajta nebbieha
tat-għadu riesaq...
U jinbaħ jibqa' jinbaħ
sakemm il-passi jħoss u l-bieb jinfetaħ.
Leħħa ta' berqa
mhix hekk ħafifa daqs il-ġirja tiegħu
għal fuq it-trieq.—Hekk sbejjaħ,
ferħan, fuq ruħu, f'għajnu tleqq il-ħerqa
ta' qalb li tħabbat mat-tferfir ta' denbu,
mal-qabża ta' riġlejh, ċaqliq ta' rasu,
qatt ma deher Fido
daqs dak il-ħin.
Ħadd mhu ferħan daqs Fido għax tajjar nagħsu,
għax ħsiebu u xewqtu ma baqgħux reqdin.

Kienet għadha mas-smewwiet
titkaxkar l-aħħar karba ta' dik l-għajta

li ħabbret l-għadu riesaq
lejn dawn il-plajjiet.
Kienet għadha xi nies bilkemm fetħet għajnejha,
u kienet għadha taħkem
il-ħemda ta' bil-lejl miksura minn ħoss ċkejken
ta' xi bieba tingħalaq,
ta' xi saqajn imgħaġġla
lejn xi toqba tal-kenn,
meta Fido bla sabar, b'leħġa li ma tafx b'għeja,
bħal żiemel jarmi l-fwar minn ġo mnifsejh
u n-nar minn ġo saqajh
f'ġirja ta' ġenn,
kien dar mat-toroq kollha ta' ġol-plajja,
jiġri u jinbaħ, jiġri u jinbaħ,
bla ma jeħda, bla ma jgħeja,
bla ma jħalli trieq jew dar
rieqda wrajh.
U jieqaf biss meta man-nebħa tiegħu
ma jwieġeb ebda ħoss minn trieq jew dar;
jieqaf u jinbaħ biex donnu jċaqlaq
minn nagħsu lil min tnikker
U l-qamar b'għajnejh ċassi jieqaf miegħu
jħares u jissajja
għax mal-ġirja ta' Fido dik il-lejla
kien hemm marbuta ta' xi nies il-ħajja!

Ġewwa ħofra tal-blat fejn hemm jistkennu
mill-qilla tan-nirien tal-għadu fl-ajru,
tfal, żgħażagħ, xjuħ,
bin-ngħas, għajjiena;
x'uħud bil-bard itertru jew bil-biża',
wiċċhom mitruħ,
oħrajn imrekkna lejl u nhar għażżiena,
oħrajn b'ħarsa musfara
f'għajnejhom l-għabex
taż-żmien ikraħ tal-lum
inemnem bl-aħħar xrara,
hemmek ġo dik il-ħofra
Fido ma' ġenb iċ-ċkejken
sidu jinsab ukoll mixħut b'għajnejh imbexxqa,
jitqalleb 'l hawn u 'l hinn itajjar nagħsu
bħal meta xi dubbiena
ikeċċi minn fuq rasu,
fil-waqt li f'dik il-ħemda
miksura minn żanżin ta' mirkeb fl-ajru

riesaq mill-bogħ'd,
ma tismax ħlief tpespis ma' xi tnehida
ta' nies b'xofftejn għajjiena.
Tkarwit ta' ragħ'd fil-bogħ'd, imbagħ'd bħal ħsejjes
ta' roti jreddnu fis-smewwiet mudlama,
resqin dejjem resqin
minn fuq l-għoli ta' djar, ta' swar u knejjes
waqqgħu fi skiet lil kull minn ċaqlaq fommu;
u ma nstemgħetx ħlief il-qalb tagħhom tħabbat,
u kesaħ demmhom, trekknu f'qiegħ il-ħofra,
u ħarsu b'wiċċ xulxin u b'xulxin twennsu,
bir-rogħda fuq xufftejhom,
meta bħal ħoss ta' bieba tal-ħadid tissabbat,
wara tvenvina ta' riħ, wara tisfira,
ħasad sad-dawl tax-xema'
li kien jikser bilkemm il-waħx tad-dalma:
tfaqqiegħa ta' ħaġar ta' l-azzar mill-ajru
li riegħdet taħt riġlejhom
il-blat ta' dik il-ħofra,
u qalbhom ħasset tal mewt l-ewwel tixjira!

Bħal donnu ma jistax isib is-sabar,
u l-mistrieħ tiegħu, qajjem rasu Fido,
wieqaf b'saqajh ta' quddiem jissamma'
b'għajnejh ħosbiena.
Ilsna ta' nar mill-art bi tfaqqigħ qawwi
minn hawn minn hinn
fl-erbat irjieħ tal-Gżira:
dwal jiġru mas-smewwiet, kwiekeb jittawlu,
żanżin ta'. mitt raddiena
jitbiegħdu fl-ajru...
joħlom il-moħħ dak il-ħin tal-biża'
li donnu ma jridx igħaddi;
x'ħin maż-żerniq f'daqqa waħda waqgħet
firxa ta' skiet,
imbagħ'd żarżret mix-xefaq'
ħamrani l-għajta sħiħa
kollha ferrieħa
bl-aħbar li l-għadu telaq...
U Fido qam ferħan iferfer denbu,
jinbaħ u jaqbeż
mas-sieq ta' sidu ċ-ċkejken
li mgeżwer fl-għata ta' bil-lejl mat-tajfa
tal-mistkennija
ħareġ minn dik il-ħofra

b'wiċċ it-tbatija,
b'għajnejn imbexxqa
lejn ix-xefaq minn fejn is-sħaba kerha
ta' xita kollha semm
dlonk titla' fuq din l-art;
b'wiċċ il-moħqrija,
b'għajnejn imċajpra
għad-dawl ta' sebħ imsaħħab lewn id-demm.

Kienet għodwa ta' sebħ mil-lewn id-dmija
meta mimdud taħt ħajt għax-xmejxa fietla
tal-ħarifa jitniegħes wara sahra
twila kien Fido,
u sidu ċ-ċkejken lil hinn minnu
minn wiċċu jarmi d-dija
ta' ferħ bla hjiena,
bla ħsieb tal-kruha
taż-żminijiet, tar-rgħiba u qerq ta' xi nies ħżiena,
b'qalbu safja minn kull ġibda,
ma' ħadd marbuta ħlief mal-qalb ta' Fido,
jitbahrad kien ma' sħabu x'ħin bħal vleġġa
għadda jeħġem it-trieq
karru bi ħsejjes kbar ta' makna twaħħax
fil-waqt li t-tifel fl-aqwa telfa u ħeġġa
ta' logħba jiġri wara sieħbu qasam
it-trieq b'għajnejh magħluqa ..
Instemgħet tnewwaħ f'daqqa waħda l għajta
ħabbarija tal-għadu riesaq fl-ajru,
u Fido minnufih iċċaqlaq, nagħsu
tajjar u rafa' rasu,
lemaħ lil sidu ċ-ċkejken fil-mogħdija
tal-karru mhedded
mill-mewt u lilu stħajjel
taħt ir-roti mitħun...
Iqum, jieqaf, jaqbeż,
jintafa' fuq it-tfajjel,
jinbaħ u jogħla miegħu
fi żmien ta' kemm tleħħ berqa.
Tkaxkar ma' l-art it-tfajjel,
inbeżaq 'l hinn mir-roti,
ħeles mill-mewt bis-serqa;
iżda l-imsejken Fido,
donnu maħtuf
mid-dwiefer rgħiba ta' xi għul imġewwaħ,
riżqu ħażin, inbala'

inqered ħesrem! Il-karba tiegħu ta' ħniena,
l-aħħar għajta li ħarġet minn qalb Fido,
siltet il-qalb tan-nies ta' dik it-plajja.
Il-mewt ta' Fido saret l-aqwa ġrajja
ta' ħsara u dmugħ.
Tibkih, kull lejla n-nies
meta b'għajnejn għajjiena
qalbha ttaqtaq għalxejn tistenna li tqajjimha
l-għajta ħanina ta' ħabiba Fido;
jibkuh id-djar battala, id-djar imġarrfa
fuq il-blata imtarrfa
fid-daħla ta' dil-Gżira.
Tibkih bil-karba twila
saħansitra s-sirena
meta mal-lejl tħoss l-egħdewwa riesqa
u għalxejn tnewwaħ u tnewwaħ
tistenna li jweġibha leħen Fido,
seħibha ta' bil-lejl:
ta' Fido ma baqax ħlief it-tifkira.
Kulħadd midfun f'degħbien ta' raqda twila;
il-qamar biss imqajjem, b'għajn imberrqa
fuq il-ħerba ta' ġebel
li l-għadam igħatti tal-għassies tal-plajja,
iħares ċass, imbikkem,
fil-waqt li fuq ix-xefaq tleħħ il-berqa.

A. Cremona.

Tas-Sliema, Tignè,
Novembru, 1941.